(3) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li intervjena fil-kawża, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.*

(1) ĠU C 6, 07.01.2012, p. 27.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-21 ta' Marzu 2013 — Dalmasso vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-112/11) (1)

(Servizz pubbliku — Remunerazzjoni — Aġġustament annwali tar-remunerazzjonijiet u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u tal-membri l-oħra tal-persunal — Artikoli 64, 65 u 65a tar-Regolamenti tal-Persunal — Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal — Regolament (UE) Nru 1239/2010 — Koeffiċjenti ta' korrezzjoni — Uffiċjali assenjati f'Ispra)

(2013/C 147/60)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Raffaele Dalmasso (Monvalle, l-Italja), (rappreżentant: C. Mourato, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u D. Martin, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-dikjarazzjoni ta' remunerazzjoni tar-rikorrent ta' Frar 2011 u tad-dikjarazzjonijiet ta' remunerazzjoni tax-xhur ta' wara li japplikaw il-koeffiċjent ta' korrezzjoni ġdid għall-belt ta' Varese skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2010, tal-20 ta' Diċembru 2010.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *R. Dalmasso għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea.*

(3) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li intervjena fil-kawża, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.*

(1) ĠU C 6, 07.01.2012, p. 27.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tad-19 ta' Marzu 2013 — SF (*) vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-10/12) (1)

(Servizz pubbliku — Remunerazzjoni — Allowance ta' kuljum — Trasferiment — Għoti tal-allowance ta' kuljum — Uffiċjal li huwa proprjetarju ta' akkomodazzjoni li tinsab fil-post ta' assenzjazzjoni l-ġdid — Prova li ġew sostnuti spejjeż ikkawżati mill-installazzjoni provviżorja fil-post ta' assenzjazzjoni l-ġdid)

(2013/C 147/61)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: SF (*) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u D. Martin, aġenti)

Suġġett

Servizz pubbliku — It-talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-għoti ta' allowances ta' kuljum lir-rikorrent.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbati nofs l-ispejjeż sostnuti minn SF (*).*

(3) *SF (*) għandu jbati nofs l-ispejjeż tiegħu.*

(1) ĠU C 65, 03.03.2012, p. 29.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tad-19 ta' Marzu 2013 — BR vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-13/12) (1)

(Servizz pubbliku — Membru tal-persunal temporanju — Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt)

(2013/C 147/62)

Lingwa tal-kawża:il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: BR (Wezembeek-Oppem, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues, A. Blot u C. Bernard-Glanz, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u D. Martin, aġenti)

(*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità.

Suġġett

Servizz pubbliku — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma ġġeddidx il-kuntratt tar-rikorrenti bħala membru tal-persunal bil-kuntratt.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *BR għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess u hija kkundannata tbati l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

---

(1) ĠU C 138, 12.05.2012, p. 32.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tas-6 ta' Marzu 2013 — Scheefer vs Il-Parlament

(Kawża F-41/12) (1)

("Servizz pubbliku — Membru tal-persunal temporanju — Rexissjoni ta' kuntratt bħala membru tal-persunal temporanju għal żmien indeterminat — Raġuni leġittima")

(2013/C 147/63)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Séverine Scheefer (il-Lussemburgu, il-Lussemburgu), (rappreżentanti: R. Adam u P. Ketter, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: V. Montebello-Demogeot u M. Ecker, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament li tirrexxindi l-kuntratt bħala membru tal-persunal temporanju għal żmien indeterminat tar-rikorrenti u talba għad-danni.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *S. Scheefer għandha tbati l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbati l-ispejjeż sostnuti mill-Parlament Ewropew.*

---

(1) ĠU C 138, 12.05.2012, p. 38.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-11 ta' Marzu 2013 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-17/12) (1)

("Servizz Pubbliku — Artikolu 34(1) u (6) tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors ippreżentat permezz ta' faks fit-terminu għall-preżentata ta' rikors — Firma bl-idejn tal-avukat differenti minn dik li tidher fuq l-oriġinali tar-rikors mibgħut bil-posta — Tardività tar-rikors — Inammissibbiltà manifesta")

(2013/C 147/64)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: Me G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: Mme C. Berardis-Kayser u M. J. Baquero Cruz, aġenti, assistiti minn Me A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett tal-kawża

Talba sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallas somma bħala kumpens għad-dannu allegatament imġarrab mir-rikorrent minħabba t-tul eċċessiv tal-proċedura għar-rikonoxximent tal-gravità tal-marda li kien isofri minnha.

Dispożittiv tad-digriet

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*

(2) *L. Maruccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż esposti mil-Kummissjoni Ewropea.*

---

(1) ĠU C 138, 12.05.2012, p. 33.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-28 ta' Frar 2013 — Pepi vs ERCEA

(Kawża F-33/12) (1)

(Servizz Pubbliku — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Membri tal-persunal bil-kuntratt awżiljarji — Reklutaġġ — Klassifikazzjoni waqt ir-reklutaġġ — Artikoli 3a, 3b u 86 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg — ERCEA — Regoli interni tal-klassifikazzjoni tal-membri tal-persunal bil-kuntratt)

(2013/C 147/65)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Jean Pepi (Brussell, il-Belġju), (rappreżentant: M. Velardo, avukat)